MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 149/1999/1

**Daniele Di Noto**

**vs**

**Vincent Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kkundannat li jhallas lill-istess attur is-somma ta’ Lm300 (tlett mitt liri maltin) dovuta lilu bhala prezz ta’ diversi xogholijiet li hu esegwixxa skond struzzjonijiet tal-konvenut fil-proprjeta’ gewwa Triq il-Bajja s-Sabiha, B’Bugia,

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-Jannar 1999 flimkien ma l-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut li biha eccepixxa (a fol 2 tal-atti):-

Preliminarjament illi huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-giudizzju stante li ma ghandu l-ebda rapport kontrattwali jew kwalsiasi rapport giuridiku iehor mal-attur.

Subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess, illi l-azzjoni attrici hi intempestiva stante li x-xoghlijiet esegwiti mill-attur m'huwiex kompletati skond is-sena u l-arti.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 6, 10, 14 u 15 tal-atti.

Ikkunsidrat

Illi, l-attur, meta xehed (fol 7 sa 9 tal-atti flimkien mal-elenku bil-miktub ta' xogholijiet esegwiti minnu fuq inkarigu tal-attur a fol 12 tal-atti) spjega li l-istess xogholijiet gew esegwiti minnu f'dar f'Birzebbugia u kienu jikkonsistu f'tibjid, Wara li dan ix-xoghol gie approvat mill-konvenut, dan kien hallas lill-attur a basi tal-ftehim bejniethom. Pero kien hemm xoghol deskritt mill-attur bhala "extra" li hu elenkat a fol 12 u 13 tal-atti bil-lingwa Maltija u Taljana u li tieghu ma kienx thallas avolja l-istess xoghol kien gie ukoll approvat mil-konvenut. Ghalhekk l-attur talab sabiex jithallas ta' dan ix-xoghol li jidher li sar kollu hlief xi parti zghira li setghet titlesta f'gurnata izda li ma saritx ghar-raguni specifikata fl-istess xhieda li certament ma tistax tigi akkollata lill-attur.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut jsostni li, in rigward ix-xoghol in kwistjoni hu kien inkariga lil certu Vito Scuderi. Dan kien esegwixxa ix-xoghol kollu u fit-2 ta' Ottubru 1998, kien thallas l-ammont kollu msemmi. In rigward dan il-pagament issir referenza ghad-dokumenti esebiti mill-konvenut stess a fol 31 sa fol 38 tal-atti. In rigward l-attur, il-konvenut jsostni li kien Vito

Scuderi li kien gabu fuq il-post ta' xoghol u fi kliemu l-istess konvenut "Jiena qatt ma ittrattajt mal-attur" li ghandu jigi ghalhekk kunsiderat bhala "sub contrator". Il-konvenut kompla jghid li kien minnu li hallas, direttament lill-attur, is-somma ta' Lm100 ghal xoghol deskritt fl-istess xhieda "pero' dejjem ghan-nom ta "Scuderi". Fl-istess xhieda, l-konvenut spicca biex jghid li filfatt kien naqqas "xi haga" ossija "xi Lm300" mill-ammont dovut lil Vito Scuderi "minhabba li (dan) ma kienx lesta x-xoghol kollu".

Ikkunsidrat

Illi, wara li qieset il-provi kif hawn fuq esposti, din il-Qorti tara li ghandha tiddeicedi dan il-kaz kif ser jinghad:

a) Hi tinsab konvinta fuq basi ta' probabilta', li kien hemm trattativi diretti bejn il-partijiet inovluti f'dan il-kaz u li l-konvenut kien inkariga direttament lill-attur sabiex dan jesegwixxi x-xoghol in kwistjoni.

b) Il-konvenut ma jidhirx li ghamel xi ilment dwar ix-xoghol esegiwt mill-attur u ma jidhirx li, l-istess xoghol sar b'mod difettuz ossija mhux skond l-arti w is-sengha rikjesti.

c) Jigi notatat li l-konvenut "ex admissis" kien zamm madwar Lm300 mill-prezz dovut lil Vito Scuderi ossija somma ekwivalenti ghal dik pretiza mill-attur fil-kaz odjern. Ghalhekk anke, jekk ghall-grazzja tal-argument, bhala "sub contractor" impjegat min Vito Scuderi, l-istess attur jista' jintavola direttament azzjoni kontra l-attur a basi ta' dak li hu stipulat fl-artikolu 1643 tal-Kodici Civili.

Ikkunsidrat

Illi, a basi ta' dak kollu premess, it-talba attrici ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta' Lm300 bl-imghax legali mill-31 ta' Jannar 1999 sad-data tal-

pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali presentata matul Jannar 1999 u msemmija fl-istess avviz.

--------------------------------TMIEM--------------------------------